MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 262/2014

**"A"** ***sive*** **"B" detentur tal-karta tal-identita` numerata xxxxxM**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ “A” *sive* “B” datat 28 ta’ Marzu 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent twieled Malta fit-22 ta' Dicembru 1981 u gie registrat fl-att ta-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok. 'A'.

IIli r-rikorrent huwa domiciljat hawn Malta u ma ikkontrattax zwieg, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni annessa u mmarkata bhala Dok' 'B'.

Illi minn ckunitu, ir-rikorrent kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament.

IIli fil-fatt ir-rikorrent mar ghand il-Psikjatra Dr. Peter Muscat li kkonferma illi r-rikorrent kien hieles minn kundizzjonijiet ta' ansjeta' u dipressjoni u ghalhekk irrakomanda iIli r-rikorrent jipprocedi bl-operazzioni ta' 'gender reassignment' hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat immarkat bhala Dok. 'C'.

Illi ghalhekk, sabiex jehles mill-konflitti intemi ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu, ir-rikorrent issottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala 'gender reassignment' fi sptar fit-Tajlandja u b'hekk assuma s-sess feminili b'mod irreversibbli, hekk kif jirrizulta mic-certifikati tal-kirurgici annessi u mmarkati bhala Dok 'D''.

IIli fit-12 ta' Marzu 2011, ir-rikorrent gie ezaminat minn Dr. Isabel Stabile gewwa St. James Hospital li kkonfermat li r-rikorrent huwa *'functionally*

*and phenotypically female'* hekk kif jirrizulta mic-certifikat anness u markat bhala Dok.'E'.

Illi l-artikolu 257A tal-Kapitolu 16 tal-Ligiiiet ta' Malta jistabbilixxi illi r-rikorrent, f'dawn ic-cirkostanzi, jista' jitlob, permezz ta' citazzjoni, sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Illi l-artikolu 258B subinciz tnejn (2) jistabbilixxi illi wara li tkun laqghet it-talba l-Qorti tista' tordna li ssir annotazzjoni fl-isem tar-rikorrent.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1 Tiddikjara illi r-rikorrent assuma s-sess femminili b'mod irriversibbli kif kontemplat fl-artikolu 257A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan permezz ta' periti nominandi;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrent rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-artikolu 257 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi s-sess ta' l-attur fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra "femminili";

3. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fl-att tat-twelid tar-rikorrent fis-sens illi l-isem tar-rikorrent minn '"A"' isir jaqra "B" u dan *ai termini* tal-artikolu 257B (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel kull modifika ohra applikabbli *in vista* tal-ewwel talba u jekk mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta' Mejju 2014 (fol 17) fejn espona : -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward ta' l-ewwel talba, ir-rikorrent jeħtieġ li jġib provi li huwa persuna mhux miżżewġa u *inoltre* domiċiljata f'Malta, hekk kif jitlob l-**Artikolu 257A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Għalhekk l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jippreżenta l-provi neċessarji sabiex jiġu sodisfatti fl-intier tagħhom dawn il-kweżiti tal-liġi;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex tirnexxi din l-azzjoni ġudizzjarja u tintlaqa' it-tielet talba tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti "*għandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk il-persuna li tkun għamlet l-azzjoni ġudizzjarja, tkunx, fil-fatt, għaddiet minn bidla irreversibbli ta' sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta' twelid jew inkella jekk kenitx dejjem tappartjeni għal dak is-sess l-ieħor*" u dan *a tenur* ta' l-**Artikolu 257A (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mill-att tat-twelid li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 206 tas-sena 1982 (hawn anness u mmarkat bhala **Dok PR1**) li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni rigward is-sess tar-rikorrenti li jista' jkun attribwit lill-esponent. Għalhekk l-esponent m'għandux jinżamm responsabbli u jiġi akkollat l-ispejjeż ta' din il-kawża odjerna, u dan prevja għas-segwenti raġunijiet:

a Illi d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti rigward is-sess tal-istess saret minn missier ir-rikorrenti u cioe' minn Carmelo Cioffi, fejn iddikjara li d-dettalji mniżżla fuq l-istess att huma korretti, inkluż dak li jirrigwarda s-sess tar-rikorrent, debitament inserit fil-kaxxa intitolata *"jekk tifel jew tifla";*

b. Illi *inoltre* meta l-esponent jirċievi att sabiex jiġi reġistrat, dan ma jistrieħx biss fuq id-dikjarazzjoni tal-ġenituri, iżda wkoll jitlob mingħand il-ġenituri id-dokument uffiċjali *"Certificate of Birth"* maħruġ mill-isptar fejn tkun twieldet it-tarbija u ffirmat mill-*midwife* u li permezz ta' tali dokument jikkonferma li s-sess tat-tarbija fost affarjiet oħra tkun taqbel ma dak li ġie kkonfermat mill-ġenituri ta' l-istess. Għalhekk isegwi, illi ma jistax jirriżulta l-ebda responsabbilta' da parti ta' l-esponent rigward il-konnotati tas-sess tar-rikorrent ladarba din kienet tirrispekkja r-realta' ta' meta twieled l-istess rikorrent. Huwa inkonċepibbli li l-esponent jinżamm responsabbli ta' tibdiliet fl-i*status* ċivili tal-persuna wara li jkun sar ir-reġistrazzjoni ta' l-att tat-twelid b'mod korrett u veritier.

5. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in

kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal-ġudizzju savju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat ir-rapport maħluf tal-esperti medici l-Professur Godfrey

Laferla u Dottor Raymond Galea debitament maħtura għal dak l-iskop;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr. Albert Zerafa u Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat li ddikjaraw li ma kellhomx provi ulterjuri u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2014

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **257A *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna mhux miżżewġa li jkollha domiċilju f’Malta, li tagħmel talba ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew liha fl-att tat-twelid.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament kif jirriżulta mill-Gażżetta tal-Gvern fl-4 ta' April 2014.

Illi jirriżulta mill-perizja medika li fil-fatt illum ir-rikorrenti huwa ta' sess femminili u allura għandha ssir l-annotazzjoni msemmija.

Inoltre jirrizulta mill-affidavit attrici li hija domiciljata f'Malta, u jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni ta' rapprezentant mir-Registru Pubbliku (**Dok. B)** li mhix mizzewga.

Ghalhekk ir-rekwiziti stabbiliti bl-artikolu premess huma soddisfatti u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti imsemmija.

Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara u m'għandux ibati spejjeż.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa'** t-talbiet kollha attriċi u cioe`:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrent assuma s-sess femminili b'mod irriversibbli kif kontemplat fl-artikolu 257A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrent rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-artikolu 257 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi s-sess ta' l-attur fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra "femminili";

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fl-att tat-twelid tar-rikorrent fis-sens illi l-isem tar-rikorrent minn '“A”' isir jaqra “B” u dan *ai termini* tal-artikolu 257B (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel kull modifika ohra applikabbli *in vista* tal-ewwel talba u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Il-Qorti tordna wkoll illi minħabba n-natura tal-każ, il-partikolaritajiet tal-attriċi ma jissemmewx fil-kopja tas-sentenza pubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja, u għal kull *buon fini* tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-attriċi fuq il-meżżi tax-xandir kollha.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------